MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 778/2002

**Maria Dark**

**vs**

**Raymond Dark**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi f'dawn l-ahhar snin, ir-relazzjonijiet konjugali bejn il-kontendenti konjugi ddeterjorat sostanzjalment u dan minhabba ragunijiet legalment validi fosthom l-adulterju da parte tal-konvenut, minacci, eccessi, theddid u nkompatibilita' ta' karattru u ragunijiet ohra legalment fondati li jaghtu lok ghall-proceduri ta' separazzjoni personali;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li huma minorenni li jisimhom Tyrone, Annalise u Nikole;

Illi b'digriet tal-Qorti tas-Sekond' Awla l-attur gie ordnat li jhallas lil martu, s-somma ta' ghoxrin lira Maltin (LM20) fil-gimgha bhala manteniment ghat-tfal;

Illi l-attrici kienet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali bid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili.

Illi ghalhekk ukoll l-istess l-attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet illi z-zwieg bejn il-konjugi Dark tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju eccessiv u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irremedjabbilment liema ragunijiet huma mputabbli lill-konvenut kif fuq mfisser;

(2) Illi din il-Qorti ghandha tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa hati tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-**Kodici Civili** w ghalhekk ghandu jitlef abbazi ta' l-istess **Kodici Civili** l-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826, 827** kif ukoll dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg jew taht titolu iehor gratwit u; kif ukoll jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun konsiderata li minnha tkun hatja tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonijiet tal-Ligi kontra l-istess konvenuta;

(3) Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minorenni tfal, Tyrone, Annalise, u Nikole, kollha f'idejn l-attrici;

(4) Tinnomina nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat fl-20 ta' Settembru 2002 u dan personalment izda ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u baqa' kontumaci.

Rat il-verbali ta' l-20 ta' Novembru, 2002 fejn inghata digriet ta' l-affidavit attrici; tat-12 ta' Frar, 2003 fejn il-Qorti ordnat lid-Direttur Civili sabiex jirrintracca l-affidavit attrici u jigi nserit fil-process; tas-26 ta' Frar, 2003 fejn Dr. Martin Fenech iddikjara li m'ghandux provi aktar u li l-kawza tista` tibqa` ghas-sentenza.

Rat in-noti ta' l-attrici **Maria Dark** tas-27 ta' Jannar, 2003 u tad-19 ta' Frar, 2003 li bihom ipprezentat l-affidavits taghha.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici Maria Dark** fl-affidavit taghha ssostni:-

*"Jiena ghandi tlett itfal li jisimhom Tyrone ta' 16, Annalise ta' 11 u Nikole ta' 6. Jiena izzewigt lil Raymond Dark fl-14 ta' Settembru 1985. Fil-bidu kollox kien sejjer tajjeb sakemm beda indhil ezagerat tal-familja tieghu. Minn dejjem kelli ftit problemi mar-ragel dwar sess minhabba li kien agressiv. Il-problema aggravat meta beda jaghmel mossi quddiem it-tfal. Hemmhekk li bdejt naghmel xi haga peress li qabel kont dejjem nispera li ser jinbidel. Kont kellimt lil missieru kif ukoll lill-Arcipriet. Nixtieq ngid li r-ragel qabel izzewigna kellu problema f'rasu minhabba li*

*kellu accident. Dan iI-fatt jien ma kontx nafu. Meta sirt naf biha u wrejtu Ii naf u kien dejjem jghidli Ii jekk nitilqu jaqbez mill-Gardjola. Jiena dejjem thassartu u ghalhekk bqajt mieghu. Illum mill-attitudini tieghu nirrealizza Ii r-ragel tieghi ma kontx nafu bizzejjed biex inqatta` hajti mieghu. Nghid ukoll illi peress Ii kien ikolli hafna sikkatura d-dar jien ridt nitlaq miIl-aktar fis u wara Ii kont ili naf Iir--ragel biss disa' xhur, jien izzewwigtu. Minn sikkatura wahda dhalt ghal-sitwazzjon aktar problematika u serja. Ghalhekk issa iddecidejt Ii naghmel dan iI-pass.*

*Il-post matrimonjali huwa flat Ii jinsab gewwa 28, FIat 3 Oratorju Street, Senglea u huwa biI-kera".*

*Jiena nixtieq Ii l-kura u I-kustodja tat-tfal tkun fdata f'idejja u dan skond id-digriet tas-Sekond AwIa tal-Qorti Civili.*

*Jiena ma nahdimx u m' ghandix introjtu. Ir-ragel tieghi prezentement ma jahdimx. Hu jahdem ftit fis-sajf ma' tal-hut u I-bqija ma jahdimx.*

*Jiena nixtieq Ii nzomm I-ghamara kollha Ii hemm id-dar halli nkun nista` nghix mat-tfal. Jiena lesta Ii r-ragel jiehu I-istereo u I-video. Minn diskussjonijiiet Ii kellna dawn huma l-affarijiet Ii jrid izomm biss.*

*Jien Ii nixtieq Ii l-kirja tibqa fuq ismi u nghix ad eskluzzjoni tar-ragel. Nixtieq Ii jaghti manteniment ghat-tfal biss."*

## <u>II. APPREZAMENT TAL-PROVI.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni mitluba mill-attrici kontra l-konvenut fejn hemm is-soliti talbiet f'citazzjoni ta' din in-natura, b'dan pero' li ma jidhirx li hemm talba ghall-manteniment ghall-attrici stess, anzi fix-xhieda taghha tghid li hija ma hijiex qed titlob manteniment minghand zewgha, u dan jidher li sar minhabba l-fatt li l-istess konvenut ma jirrizultax mill-provi li ghandu xi forma ta' mpjieg u allura ta' ntrojtu; pero' ghal dak li jista' jiswa xorta, kif ser jinghad iktar il-quddiem, jidher li l-attrici ghandha dritt ghal tali manteniment skond il-bzonnijiet taghha u wkoll skond il-mezzi ta' l-istess zewgha, u tali

dritt jibqa’ riservat li jigi propost mill-attrici fil-futur skond ic-cirkostanzi.

Illi mill-ftit provi prodotti, li pero’ m’ huma bl-ebda mod kontestati, anke ghaliex l-istess konvenut baqa’ kontumaci, jidher li l-istess konvenut kien hati verso l-attrici ta’ sevizzi u mohqrija u anke kien aggressiv lejha u lejn uliedha, u allura l-ewwel talba attrici kif proposta ghandha tigi milqugha, hlief ghall kwistjoni ta’ adulterju, li almenu mill-provi prodotti ma giex ppruvat.

Illi dwar il-kura u l-kustodja ta’ l-ulied dawn ghandhom jigu fdati f’idejn l-attrici, u ma hija ser takkorda ebda dritt ta’ access lill-istess konvenut ghall uliedu, stante li ma hemm l-ebda talba ghall-istess, u wkoll din il-Qorti tinsab preokkupata b’dak li sostniet l-attrici fl-affidavit taghha tad-19 ta’ Frar 2003 a fol. 31 tal-process, u partikolarment fl-ewwel paragrafu u fir-raba’ (4) u hames (5) linja tal-istess. Kull access li jista’ eventwalment jigi akkordat ghandhu jsir taht supervizzjoni ta’ *social worker* fic-Centru Hidma Socjali jew inkella fic-Centru ta’ l-Agenzija Appogg.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett immedjat mid-data ta’ din is-sentenza u ghandu jigi dikjarat li tikkonsisti f’ebda assi ta’ valur partikolari hlief xi mobbli ta’ valur zghir li tinsab fid-dar matrimonali, u wkoll stereo u video; jidher li skond l-attrici l-partijiet qablu li l-attrici ghandha zzom l-istess ghamara li hemm fl-istess fond, mentri l-konvenut jigi assenjat l-istess stereo u video, u din il-Qorti taqbel u taddotta l-istess divizjoni u assenjazzjoni tal-beni formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

Illi d-dar konjugali hija mikrija mill-Awtoritajiet kompetenti Governattivi u in vista tal-fuq espost, tali kirja ghandha tigi assenjata esklussivament f’idejn l-attrici anke in vista ta’ l-**artikolu 48 (c) tal-Kap 16,** u ghandhom jigi applikati kontra l-istess konvenut id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 ta’ l-istess Kap 16.** Di piu’ abbazi ta’ l-**artikolu 55A tal-Kap 16** tawtorizza lill-attrici tghix fl-istess dar konjugali flimkien ma’ wliedha bl-eskluzjoni tal-konvenut.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, filwaqt li **tichad ir-raba' (4) talba attrici** stante li m' hijiex necessarja u hija ghall kollox superfluwa, **tilqa' t-talbiet l-ohra attrici** biss fis-sens hawn premess, b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li z-zwieg bejn il-konjugi Dark tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli u ghax iz-zwieg tkisser irremedjabbilment liema ragunijiet huma mputabbli lill-konvenut.

(2)Illi din il-Qorti qed tiddikjara wkoll illi l-konvenut huwa hati tal-firda ghal fuq indikati w ghalhekk ghandu jitlef abbazi ta' l-istess **Kodici Civili** l-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 825, 826, 827** u dan kollox abbazi ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** inkluz ghalhekk li l-istess konvenut jitlef dak kollu li kiseb mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg jew taht titolu iehor gratwit; u jitlef ukoll il-jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs ta' l-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra b'effett mit-8 ta' Gunju 1999, data meta l-konvenut qed jigi kkonsidrat li huwa kien hati tal-firda, u fil-waqt li xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett immedjat mid-data ta' din is-sentenza, tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, u tiddikjara li din ma tikkonsisti f'ebda assi ta' valur partikolari hlief xi mobbli ta' valur zghir li jinsabu fid-dar matrimonali, inkluzi stereo u video, u tassenja lill-attrici bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti ghamara li hemm fl-istess fond 28, Flat 3, Oratory Street, Senglea, u l-kera esklussiva ta' l-istess fond, b'dan li l-kera ghandha tghaddi f'idejn l-attrici esklussivament, mentri l-konvenut qed jigi assenjat per saldo ta' sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti l-istess stereo u video.

Illi di piu ghandhom jigu applikati kontra l-istess konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-istess Kap 16,** u abbazi ta' l-**artikolu 55A tal-Kap 16** tawtorizza lill-attrici tghix fl-istess dar konjugali, 28, Flat 3, Oratory Street, Senglea, flimkien ma wliedha bl-eskluzjoni tal-konvenut, b'dan li l-konvenut ghandu zmien qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex jizgombra ruhhu u johrog mill-istess fond.

(3) Takkorda l-kura u l-kustodja tal-minorenni tfal, Tyrone, Annalise u Nikole kollha f'idejn l-attrici, bla ebda dritt ta' access ghall-istess minuri mill-konvenut, b'dan ukoll li kull access li jista' eventwalment jigi akkordat minn din il-Qorti fuq talba ad hoc ta' l-istess konvenut, ghandu jigi kkunsidrat li dan isir taht supervizzjoni ta' *social worker* fic-Centru Hidma Socjali jew inkella fic-Centru tal-Agenzija Appogg u dan in vista ta' dak fuq deciz u premess.

(4) Tichad din it-talba sabiex tinnomina nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumacja, stante li ma hemmx bzonn ta' tali nomini.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------